MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES,
FOOD AND ANIMAL RIGHTS

# Il-Virus (tip 2) tal-Marda Emorraġika tal-Fniek (RHDV2)-VHD

Il-marda emorraġika tal-fniek ma taffettwax lill-bniedem jew lil annimali oħra. Madanakollu, tittieħed ferm u hija fatali għall-fniek domestiċi kif ukoll dawk slavaġ.



- L-RHDV2 jista' jiġi trażmess permezz ta' kuntatt dirett ma' fniek infettati jew karkassi tagħhom, laħam jew pil, fluwidi tal-ġisem, materjal fejn jorqdu, għalf u kontenituri tal-ilma, u t-tiben.
- Il-virus jista' jibqa' fl-ambjent għal żmien estiż, anke f'każ ta' temperaturi estremi. Is-sidien ta' annimali domestiċi u min irabbi għandhom joqogħdu attenti għal kwalunkwe sinjal ta' infezzjoni fil-fniek tagħhom.
- Il-virus jista' jibqa' fl-ambjent għal żmien estiż, anke f'każ ta' temperaturi estremi. Is-sidien ta' annimali domestiċi u min irabbi għandhom joqogħdu attenti għal kwalunkwe sinjal ta' infezzjoni fil-fniek tagħhom.
- L-aqwa difiża kontra l-infezzjoni tal-RHDV2 hija ż-żieda fil-miżuri ta' bijosigurtà u t-tilqim.



# Il-Virus (tip 2) tal-Marda Emorraġika tal-Fniek (RHDV2)-VHD

## Is-sidien tal-fniek huma mħeġġa li jimxu ma' dawn il-proċeduri:




- Is-sidien tal-fniek huma mħeġġa li jimxu ma' dawn il-proċeduri:
- Jifirdu l-fniek domestiċi minn annimali domestiċi oħra, bhejjem, u annimali slavaġ.
- Inaddfu u jiddiżinfettaw sew l-uċuh u l-apparat li jintuża għall-kura tal-fniek.
- Jaħslu b'mod tajjeb ħafna l-idejn, il-ħwejjeġ, uż-żraben qabel u wara li jkun hemm kuntatt ma' fniek domestiċi.
- Jużaw par żarbun apposta meta jkunu fl-alloġġ tal-fniek u jbiddluh meta jkunu barra l-istess alloġġ.
- Ipoġġu fi kwarantina annimali domestiċi ġodda għal minn tal-anqas 30 jum, 'il bogħod minn annimali domestiċi u bhejjem oħra.
- Ma jmissux fniek slavaġ mejtin.

# Il-Virus (tip 2) tal-Marda Emorraġika tal-Fniek (RHDV2)-VHD

## Il-Kaċċa għall-Fniek Slavaġ





- Il-VHD2 jista' jippersisti f'laħam tal-fniek imkessaħ jew iffriżat għal perjodu ta' żmien mhux determinat, u jista' jkun sors ta' infezzjoni għall-fniek domestiċi kif ukoll slavaġ.
- Kaċċaturi għandhom jilbsu ingwanti u jiddiżinfettaw l-għodda, it-tagħmir u jdejhom wara li jqaxxru fniek slavaġ.
- Fniek slavaġ ikkaċċjati m'għandhomx jitqaxxru fl-għelieqi u l-intern u l-ġlud tagħhom m'għandhomx jintremew barra.
- Il-klieb tal-kaċċa m'għandhomx jitħallew jidħlu fil-post fejn ikun hemm il-fniek minħabba r-riskju ta' tifrix tal-marda.

# Il-Virus (tip 2) tal-Marda Emorraġika tal-Fniek (RHDV2)-VHD

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, FOOD AND ANIMAL RIGHTS

## Annimali domestiċi mhux mixtieqa u fniek kummerċjali



- Jekk wieħed għandu annimal domestiku jew fniek kummerċjali li ma jixtieqx iżomm aktar, l -iktar mod sigur huwa li jagħti l-fenek għall-addozzjoni u mhux jitħarrbu barra.
- Meta tħarrab fniek domestiċi barra dan jista' jwassal għall-mewt tal-fenek innifsu, jista' jkun sors ta' aktar tixrid ta' mard qalb il-popolazzjoni tal-fniek slavaġ u jista' jkun ukoll sors ta' kontaminazzjoni ġenetika qalb il-popolazzjoni tal-fniek slavaġ.
- Il-veterinajru tiegħek, għadd ta' NGOs, kif ukoll assoċjazzjonijiet tal-fniek, jistgħu jkunu ta' għajnuna biex issib post sigur għall-fenek tiegħek.

## Veterinary Regulation Directorate (VRD) – Id-Direttorat Veterinarju Regolatorju

- **Jekk issib fniek slavaġ mejta jew jekk int sid tal-fniek u qed tesperjenza numru għoli ta' mwiet f'daqqa, għandek tikkuntattja immedjatament lill-Unità għas-Saħħa tal-Annimali – Id-Direttorat Veterinarju Regolatorju fuq 22925189/ 22925195/22925588**